MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 109/2006

**Avukati Michael Grech u George Hyzler bħala mandatarji speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *Unilever p.l.c.***

***Versus***

**Avukat Renzo Porsella Flores u P.L. Luisa Tufigno maħtura b'dikriet tat-28 ta' Frar 2006 kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil *Altsahiel Co. Ltd***

Din hija kawża dwar proprjetà industrijali.
Fir-rikors li bih fetħet il-kawża s-soċjetà attriċi tgħid illi hija sidt diversi markji – fosthom il-markji *Dove* – li tinqeda bihom fuq diversi prodotti magħmula minnha, bħal sapun, *bath washes*, *shower gels* u *shower creams*, u prodotti oħra. Għandha wkoll id-dritt ta' proprjetà industrijali ta' l-istess markji *Dove* fil-komplessità tagħhom irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark nº 18163*, *nº 24930*, *nº 34642* u *nº 34643*, kif igħid u jrid l-art. 2 ta' l-Att

dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414]; dawn il-markji huma irreġistrati wkoll bħala *trademark* komunitarja ma' l-*Office for Harmonisation in the Internal Market*, ta' Alicante, fi Spanja, taħt numru 04248738.

Fis-17 ta' Jannar 2006 iddaħħlet ġewwa Malta *b'container* numru IRSU 4204093 fuq il-vapur *MV Iran Ilam*, u/jew iddaħħlet temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles konsenja ta' sitta u sebgħin elf, sitt mija u tmien (76, 608) sapuniet li, għalkemm iġibu l-markju *Dove*, ma humiex ġenwini, bi ksur ta' l-art. 4 tal-Kap. 414. Il-polza tal-kariku turi illi l-konsenjatarja hija *Altsahiel Co. Ltd*, waqt illi x-*shipper* hija *Lianyuhgang Yilian International Co. Ltd.*

Id-dħul ġewwa Malta, l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, l-importazzjoni temporanja u t-tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li jiksru dritt dwar il-proprjetà intellettwali huma kollha projbiti taħt l-art. 4 tal-Kap. 414. Dawn is-sapuniet jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi taħt l-artt. 2(1)(*a*)(i), (ii) u (iii), u 2(1)(*b*) tal-Kap. 414, u l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1383/2003.

Il-konsenja bħalissa tinsab miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana wara talba bil-miktub li għamlitlu s-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi din il-qorti:

1. tgħid illi s-sapuniet li llum huma maqbuda f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija kif igħid l-aart. 2(1)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 414;

2. tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew it-tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mill-konvenuta ta' din il-konsenja ta' sapuniet jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali ta-soċjetà attriċi għax ma humiex ġenwini, taħt l-artt. 2(1)(*a*)(i), (ii) u (iii), u 2(1)(*b*) tal-Kap. 414, u għalhekk jiskru l-art. 4 ta' l-istess Kap. 414 dwar it-*trademarks* irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark nº 18163*, *nº 24930*, *nº 34642* u *nº 34643*;

3. tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew it-tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mill-konvenuta ta' din il-konsenja ta'

sapuniet jiksru l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1383/2003 dwar it-*trademarks* irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark nº 18163*, *nº 24930*, *nº 34642* u *nº 34643* u jew it-*trademark* komunitarju numru 04248738, kif igħid ir-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 40/94;

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà attriċi sabiex jeqirdu dawn is-sapuniet mingħajr kumpens lill-konvenuta, u bi flus il-konvenuta, kif igħid u jrid l-art. 8 tal-Kap. 414;

5. tagħti kull rimedju ieħor li jista' jingħata taħt il-Kap. 414 jew r-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1383/2003; u

6. tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ħażna u l-qerda tas-sapuniet, u l-ispejjeż ta' l-uffiċjali tad-Dwana.

Talbet ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru għas-soċjetà konvenuta wieġbu illi ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawża, u għalhekk żammew il-jedd illi jkomplu jwieġbu aktar 'il quddiem. Fil-fatt, iżda, ma ressqu ebda tweġiba oħra.

Wara li rat id-dokumenti u l-atti kollh afil-proċess, fosthom l-*affidavit* maħlufa mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi, il-qorti hija sodisfatta illi l-konsenja ta' sapuniet imsemmija fir-rikors ma hijiex ta' prodotti ġenwini, u għalhekk hija bi ksur tal-jeddijiet ta' proprjetà industrijali tas-soċjetà attriċi. It-talbiet tas-soċjetà attriċi għalhekk jixraq illi jintlaqgħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tgħid illi s-sapuniet li llum huma maqbuda f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija kif igħid l-aart. 2(1)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 414;

2. tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew it-tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mill-konvenuta ta' din il-konsenja ta' sapuniet jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali ta-soċjetà attriċi għax ma humiex ġenwini, taħt l-artt. 2(1)(*a*)(i), (ii) u (iii), u 2(1)(*b*) tal-Kap. 414, u għalhekk jiskru l-art. 4 ta' l-istess Kap. 414 dwar it-*trademarks* irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark nº 18163*, *nº 24930*, *nº 34642* u *nº 34643*;

3. tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew it-tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mill-konvenuta ta' din il-konsenja ta' sapuniet jiksru l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1383/2003 dwar it-*trademarks* irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark nº 18163*, *nº 24930*, *nº 34642* u *nº 34643* u jew it-*trademark* komunitarju numru 04248738, kif igħid ir-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 40/94;

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà attriċi sabiex jeqirdu dawn is-sapuniet mingħajr kumpens lill-konvenuta, u bi flus il-konvenuta, kif igħid u jrid l-art. 8 tal-Kap. 414;

5. billi ma hu meħtieġ ebda rimedju ieħor ma tqisx il-ħames talba;

6. tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ħażna u l-qerda tas-sapuniet, u l-ispejjeż ta' l-uffiċjali tad-Dwana; u

7. tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------